# IT-TABIB ŻEJTUNI VINCENZO ABELA U L-"MISTURA" KONTRA L-KOLERA

## Kitba ta' Carmelo P. Baldacchino

### Twelid u Trobbija ta' Vincenzo

Nhar is-7 ta' Lulju, 1794, twieled fiż-Żejtun Vincenzo Abela, iben Ġużeppi Abela u Duminka, imwielda Bonavia, minn Ħal-Luqa. Tidher rabta ma' Bormla, għaliex kemm il-qassis li għammdu, kif ukoll il-parrini kienu Bormliżi (1). Ġużeppi Abela, il-missier, għamel isem fl-Istorja taż-Żejtun, għaliex kien wieħed mill-mexxejja Żwieten kontra l-Franċiżi, u wara ġie nominat l-ewwel logutenent taż-Żejtun fi żmien l-Ingliżi. Alexander Ball, il-Kummissarju Ingliż, saħansitra bnielu l-ġnien magħruf miż-Żwieten "Tal-Kmandant", b'sinjal ta' gratitudni lejh għall-ħidma kbira u kuraġġ tiegħu fil-qawmien kontra l-Franċiżi. Fost tfal oħra, Ġużeppi Abela kellu wkoll lil Tumas, li meta kiber sar saċerdot. Vincenzo trabba fi żmien ta' inkwiet u taqlib kbir għal Malta u ż-Żejtun. Kien għadu ċkejken ta' 3 snin meta l-Gran Mastru Hompesch għolla liż-Żejtun għad-dinjita' ta' "Belt Bylandt", u ta' 4 snin meta faqqgħet ir-rewwixta mdemma tal-Maltin kontra l-Franċiżi. Wisq probabbli li l-ewwel memorji vagi tat-tfajjel Vincenzo, kienu l-istejjer li missieru kien jirrakkuntalu dwar it-taqtigħat kontra l-għadu Franċiż, u t-tkeċċija ta' dawn minn Malta fl-1800, meta allura Vincenzo kellu diġa' 6 snin. Dan it-taqlib ġab miegħu ħafna mard u bosta kienu dawk li ġarrbu l-mewt. Il-familja Abela allura kienet toqgħod fi Triq Santa Marija, Ħal-Bisbut, kif ir-Raħal ta' Fuq kien jissejjaħ dak iż-żmien.

### Vincenzo jistudja għal Tabib

Vincenzo kellu memorji ċarissimi, għalkemm xejn pjaċevoli, tal-marda diżastruża tal-pesta, li attakkat bl-aħrax lil Malta fis-sena 1813. F'dik is-sena hu kellu 19-il sena. Kienu żminijiet mill-aktar ħorox għall-poplu Malti, u ż-żagħżugħ Vincenzo żgur li ħass ħafna meta ra b'għajnejh tant u tant nies imutu vittmi ta' din il-marda, aktar u aktar meta missieru stess, bħala logutenent tar-raħal, kien responsabbli għal dak li kien qed jiġri. Għalhekk għandna raġun nissoponu li kien dan il-mard u l-imwiet kollha li ġiebu magħhom tant tbatija fiż-Żejtun, li ħajru lil Vincenzo Abela jibda jistudja għal tabib, biex aktar tard ikun jista' jgħin lill-batuti. Aktar u aktar meta nafu li hu stess kien ġie nominat assistent-logutenent taż-Żejtun mill-Gvernatur Sir Hildebrand Oakes fl-1813 (2). Matul il-mixja tal-marda kiefra tal-pesta Vincenzo qeda d-dmirijiet tiegħu ta' assistent-logutenent taż-Żejtun mingħajr ebda ħlas (3). Missieru Ġużeppi miet nhar l-14 ta' Ġunju, 1816, meta allura Vincenzo kellu 22 sena. Fl-1818 Vincenzo mar jistudja ġewwa l-Belt ta' Pisa, fl-Italja, belt magħrufa sewwa għall-istudji mediċi. Dan nafuh minn dokument pubblikat minnu stess fis-sena 1851 (4). Ma nafux eżatt jekk qabel kienx għamel xi studji oħra ġewwa Malta, jew kemm-il sena dam jistudja barra minn Malta, iżda fl-1821, is-sena taż-żwieġ tiegħu, hu żgur li kien Malta. Jista' jkun ukoll li hu kompla l-istudji tiegħu wara ż-żwieġ.

## Iż-Żwieġ Tiegħu fil-Belt Valletta

Fil-fatt Dr. Vincenzo Abela żżewweġ lil Generosa Bonavita, bint l-imħallef Dr. Vincenzo Bonavita u Marianna imwielda Gatt, nhar l-20 ta' Frar, 1821, fil-parroċċa ta' San Duminku, il-Belt Valletta. Il-qassis li żewwiġhom kien ħuh stess, Dun Tumas Abela. Il-fatt li ż-Żejtuni Dr. Vincenzo Abela żżewweġ lil tifla ta' imħallef tal-Maesta' Tiegħu r-Re ta' l-Inglilterra, hu xhieda biżżejjed li tipprova li, minkejja li kien għad kellu biss 27 sena, Dr. Abela kien diġa' qed igawdi fama tajba fost il-Maltin. Wisq probabbli li wara ż-żwieġ tiegħu, Vincenzo baqa' joqgħod ma' martu fil-Belt Valletta, iżda lanqas ma nqata' għal kollox miż-Żejtun, kif dokumenti oħra jippruvaw. Bejn is-snin 1825 u 1830 hu kien eżaminatur tal-istudenti tal-mediċina (5), u fl-1830, sena tal-mard tal-ġidri, hu ta s-servizz tiegħu mingħajr ebda ħlas (6).

## L-Invenzjoni tal-"Mistura" Sigrieta

Fis-snin 1837 u 1850, il-kolera attakkat lill-Gżejjer Maltin. Fl-1850 Vincenzo Abela kien qed jagħti s-servizzi tiegħu mediċi fiż-Żejtun, mill-ġdid mingħajr ħlas, kif stqarr hu stess. Kien proprju f'din is-sena li għamel isem meta, għall-inqas kif stqarr hu u fuq ix-xhieda ta' bosta oħrajn, hu vvinta "mediċina" li biha fejjaq numru kbir ta' morda bil-kolera. Iżda tobba oħrajn din ma riedux jemmnuha, u allura qamet kontroversja dwarha! Tant ma ġiex emmnut, li hu kellu jikteb fil-ġurnali u jġib avviżi pubbliċi biex jiddefendi lilu nnifsu u l-"mistura tiegħu", u juri li hu kien lest li jgħin lil dawk kollha li javviċinawh, iżda qatt ma kien sejjer jiżvela s-sigriet ta' din id-"duwa". "Benche" nauseato per le malevoli opposizioni mossemi..... da parte specialmente dei miei colleghi, e bencheċ risoluto di non piu' manifestare un mio utilissimo ritrovato", kiteb pubblikament, "mi riduco ad annunziare un' altra volta questo disponibile beneficio" (7). "Kemm hi tajba juru r-riżultati; ma rridx inbiegħ din id-duwa; irrid nagħtiha b'xejn; jien irrid biss ngħin lill-batuti; lest li nagħtiha lil kull spiżjar, basta wara jinfurmani bir-riżultati; is-sigriet tiegħi hu innoċenti. Li żgur li ma tagħmilx ħsara jippruvah il-fatt li nies f'saħħithom xorbu l-mediċina tiegħi u ma ġralhom xejn ħażin; jien stess ġieli xrobtha". Bi kliem ħiereġ mill-qalb bħal dan, Dr. Abela appella lit-tobba, lill-ispiżjara u fuq kollox lill-pazjenti biex jużaw il-mediċina ivvintata minnu u hekk isalvaw ħafna ħajjiet. "Min iridha", qalilhom, " jista' jmur għaliha fid-dar tiegħi stess: Nru. 12, Triq Alessandru, Valletta". Il-Gvernatur Richard More O'Ferrall (1847 - 51), li kien Kattoliku, stiednu għandu fil-Palazz, iżda hu ma marx. Allura l-Gvernatur bagħat għandu lil Dr. Joseph Collings M.D., it-tabib prinċipali tal-Gvern u spettur ta' l-isptarijiet, biex jgħidlu għandux pjaċir jgħarraf lill-Kumitat tas-Saħħa s-sigriet ta' din il-mistura u x'kumpens kien jistenna bħala ħlas, iżda mill-ġdid Dr. Abela rrifjuta li jgħid minn liema ingredjenti din il-mistura sigrieta kienet komposta (8).

## Numru Kbir ta' Xhieda Favuru

Fl-1851 ġew miġbura n-numru kbir ta' 90 xhud quddiem in-Nutar Antonio Montanaro li stqarru taħt ġurament (affidavit) li raw b'għajnejhom il-fejqan ta' bosta morda, wara li dawn ġew ikkurati mit-tabib Abela bil-mediċina li tahom. Il-parti l-kbira tax-xhieda kienu miż-Żejtun, iżda kien hemm ukoll oħrajn minn Bormla, Marsaxlokk, Ħal-Għaxaq, il-Gudja u l-Imqabba. Barra l-kappillan taż-Żejtun Dun Pawl Ellul, telgħu jixhdu wkoll favur Dr. Abela ħafna saċerdoti

oħra, bħal viċi-kappillan Dun Ġużepp Azzopardi, Dun Agnello Lavorana, Dun Vincenzo Galea, Dun Ġwann Tabone, saċerdot ta' fama qaddisa, Dun Generoso Camilleri u ħafna oħrajn. Xehdu wkoll favur tiegħu numru kbir ta' lajċi u pazjenti. Hekk, per eżempju, l-avukat Dr. Gio. Francesco Magri taż-Żejtun, u l-connestabile di polizia Giovanni Agius. Michelino Abela, iben in-neguzjant Ġużeppi mill-Belt Valletta, xehed li ġie mfejjaq fi Tripli wara li ħa l-mediċina ta' Dr. Vincenzo Abela rrakkomandata lilu mill-Konslu tal-Maesta Tiegħu r-Re ta' Spanja. Kien hemm oħrajn li fiequ l-istess. Kollha ppreżentaw iċ-ċertifikati tagħhom. Quddiem Mr. H. Lushington, is-segretarju prinċipali tal-Gvern, nhar it-8 ta' Marzu, 1851, ġie aċċertat taħt ġurament li l-firem kollha kienu ġenwini, kemm tax-xhieda, kif ukoll ta' Antonio Montanaro, nutar pubbliku residenti fiż-Żejtun (9). Kemm swewlu dawn ix-xhieda lit-tabib Vincenzo Abela biex ikompli javanza fil-karriera tiegħu ma nafux eżatt. Nafu li meta hu ppreżenta petizzjoni għall-impjieg mas-Sanita, hu semma mhux biss il-merti tiegħu nnifsu, iżda wkoll dawk ta' missieru l-logutenent Ġużeppi Abela, u ta' missier martu, in vista dei lunghi servizi prestati dal mio morto suocero Giudice di Sua Maesta Britannica, Vincenzo Bonavita.

## Ir-Rabta maż-Żejtun

Fiż-Żejtun, fejn kien jgħix ma' martu Generosa, niltaqgħu miegħu ukoll bħala membru tal-Fratellanza tar-Ružarju (10). Generosa Abela mietet fiż-Żejtun nhar l-1 ta' Lulju, 1875, u ġiet midfuna fil-qabar tal-familja f'Ħ'Attard (11). Kienet drawwa li familji sinjuri tal-Belt ikollhom dar vileġġatura f'xi raħal fil-kampanja. Tliet xhur wara, jiġifieri fit-28 ta' Settembru, 1875, Dr. Vincenzo Abela, minkejja li issa kellu aktar minn 80 sena, reġa' iżżewweġ, din id-darba liż-Żejtunija Catarina Busuttil fil-knisja ta' Santa Marija tar-Raħal ta' Fuq. Kien Dun Mikiel Busuttil li tahom il-barka taż-żwieġ. Fil-lista taż-Żwieten (Status Animarum) tas-sena 1879, niltaqgħu ma' Dr. Vincenzo Abela, imlaqqam "It-Tabib", armel tal-mejta Generosa Bonavita, li qed joqgħod ma' martu la Signora Catarina, imwielda Busuttil, f'Casa 16, Strada San Paolo. Iżda t-tmiem ma kienx fil-bogħod, għaliex Dr. Vincenzo Abela ħalla din id-dinja repentina morte, nhar it-23 ta' April, 1880 (12). Kellu 86 sena.

Veru li kien tabib mill-aktar kontroversjali, iżda m'hemm l-ebda dubju dwar il-fatt li modo suo għamel ħiltu biex jgħin lill-batuti. Kemm hu hekk, hu offra b'xejn il-"mistura" ivvintata minnu lil kull min kien jitlobhielu. Iżda m'għamilx tajjeb li "mistura" li hu kien konvint li kienet effiċjenti żammha daqshekk sigrieta. Tgħid veru li meta Dr. Collings staqsieh x'ried bħala ħlas jekk jikxef l-ingredjenti ta' din il-mistura sigrieta tiegħu, hu wieġbu, "Daqskemm jiswa l-ewwel ġifen tal-Flotta Ingliża" (13)?!

## Riferenzi


1 A.P.Ż. Lib. Bapt. X, f.211
2. Petizzjoni tiegħu stess. 1847 - 1851. Vol. I
3. Ibidem
4. Serie di documenti comprovanti la validitaċ terapeutica dello specifico contro il morbo scoperto dal Dr. Vincenzo Abela l'anno 1850,
5. Petizzjoni
6. Ibidem
7. Il Corriere Mercantile Maltese, 17 / 8 / 1865
8. P.P. Castagna "L-Istorja ta' Malta u l-Gżejjer Tagħha", 1888. Vol.I, p.316.
9. Serie di documenti......
10. A.P.Ż. MS 148, p.145
11. A.P.Ż. Lib. Def. XIII, f.23v
12. Idem, f.53r
13. Castagna


Ħajr lil Kan. Dun Joe Abela u lis-Sur Winston Zammit, Sliema